

Brussell, 16 ta' April 2025
(OR. en)

8145/25

MAR 60
DELECT 43

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2021 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'7.4.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/205 fir-rigward tas-sett tad-data dwar is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2021 final.

Mehmuż: C(2025) 2021 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2025
C(2025) 2021 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'7.4.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/205 fir-rigward tas-sett tad-data dwar is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-għan ta' dan l-att delegat huwa li jemenda s-Sett tad-Data tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea stabbilit bir-Regolament Delegat 2023/205 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1239 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe, European Maritime Single Window environment) u previst fil-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1239, li jinkludi l-lista sħiħa tal-elementi tad-data li jirriżultaw mill-obbligi ta' rapportar, li jindirizzaw ir-rekwiżiti attwali mhux armonizzati ta' rapportar tad-data għall-vapuri meta jidħlu f'xi port tal-UE.

Is-Sett ta' Data tal-EMSWe jqis id-dispozzjonijiet eżistenti għar-rapportar obligatorju relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, mal-istrumenti legali internazzjonali kif ukoll mal-leġiżlazzjonijiet u r-rekwiżiti nazzjonali. B'mod partikolari, l-emenda qieset il-kompatibbiltà tas-Sett ta' Data tal-EMSWe mar-rekwiżiti tad-data eżistenti applikabbli fid-dominju doganali li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2015/2446 u mir-Regolament (UE) 2015/2447. L-Anness tar-Regolament Delegat 2023/205 jipprovdi wkoll l-immappjar permezz tal-Kompendju FAL tal-OMI u l-indikazzjoni dwar jekk element tad-data huwiew mitlub mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ f'kull Stat Membru.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, twettqu konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti, inkluż fil-livell tal-esperti, dwar dan l-att delegat peress li kien meħtieġ għarfien expert usa' fit-tnejn bikrija ta' dan l-att delegat.

It-tnejn ta' dan l-att delegat kienet teħtieġ il-ġbir ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Matul il-ħidma preparatorja għew ikkonsultati wkoll l-assoċjazzjonijiet tal-industrija.

Il-kontenut tal-att delegat kien soġġett għal konsultazzjoni mal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli (HLSG, High Level Steering Group) għall-Governanza tas-Sistema u s-Servizzi Marittimi Diġitali (E03450¹), mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u s-sottogruppi tiegħu (E03923²), u mal-Grupp tan-Negozju Doganali (E03110³). L-emendi tas-Sett ta' Data tal-EMSWe għew ippreżentati u diskussi bir-reqqa f'serje ta' laqgħat tal-esperti, li l-ewwel waħda minnhom saret fit-30 ta' Mejju 2023. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat dwar il-konsultazzjonijiet li għaddejnin u ġie mistieden għal-laqgħat.

Is-Sett ta' Data tal-EMSWe rivedut ġie kondiviż ukoll mal-komunità tan-negozju bħall-assoċjazzjonijiet tal-industrija attivi fis-settur marittimu, is-sidien tal-vapuri, il-linji tat-tbaħħir, l-operaturi tal-portijiet, l-operaturi tas-sistema komunitarja tal-portijiet, it-terminals, l-aġenti tal-vapuri u l-ispedizzjoniera. Dawn il-partijiet ikkonċernati huma osservaturi regolari fil-gruppi ta' esperti u għalhekk għew ikkonsultati kif xieraq.

¹ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3450&lang=mt>

² <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3923&lang=mt>

³ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3110&lang=mt>

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu jġi adottat skont ir-Regolament (UE) 2019/1239, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'7.4.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/205 fir-rigward tas-sett tad-data dwar is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-esperjenza miksuba matul l-ewwel stadju tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1239 flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/205⁵ uriet li huma meħtieġa emendi tas-sett tad-data tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea ("sett ta' data tal-EMSWe"), stabbilit bl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2023/205, sabiex titlesta u tiġi armonizzata aktar il-lista tal-elementi tad-data li jirriżultaw mill-obbligi ta' rapportar.
- (2) Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, wettqet konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti u mal-partijiet ikkonċernati, biex jiġi revedut s-sett ta' data tal-EMSWe billi jiġi allinjat aħjar mal-atti legali sottostanti tal-Unjoni u dawk internazzjonali u mal-ħtiġijiet kummerċjali u tekniċi.
- (3) Is-sett ta' data tal-EMSWe jinkludi wkoll l-elementi tad-data meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jridu jiġu pprovduti b'rabta ma' waqfa f'xi port. Mindu ġie addottat ir-Regolament Delegat (UE) 2023/205, il-ħidma mwettqa fil-gruppi ta' esperti wriet li hija meħtieġa aktar armonizzazzjoni ta' dawk l-elementi tad-data fis-sett ta' data tal-EMSWe minħabba l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni u r-rekwiżiti nazzjonali li jistabbilixxu obbligu ta' rapportar matul waqfa f'xi port.
- (4) Filwaqt li jitqies li l-Anness B tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446⁶, li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni tad-data għad-dikjarazzjonijiet, għan-notifiki u għall-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, ġie emendat bir-

⁴ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1239/oj>.

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/205 tas-7 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment tas-sett tad-data tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jemenda l-Anness tiegħu (ĠU L 33, 3.2.2023, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/205/oj).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/249⁷, jeħtieġ li s-sett ta' data tal-EMSWe jiġi emendat sabiex jiġi allinjat l-immappjar bejn l-elementi tad-data tiegħu u l-elementi tad-data korrispondenti fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

- (5) Il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fis-47 sessjoni tiegħu (mit-13 sas-17 ta' Marzu 2023) u fit-48 sessjoni tiegħu (mit-8 sal-11 ta' April 2024), approva l-verżjonijiet ġodda tal-Kompendju tal-OMI dwar il-faċilitazzjoni u n-negozju elettroniku ("Kompendju tal-OMI"). Għalhekk huwa meħtieġ li s-sett ta' data tal-EMSWe jiġi emendat ukoll biex jiġi aġġornat l-immappjar bejn l-elementi tad-data tiegħu u l-elementi tad-data korrispondenti mill-Kompendju tal-OMI.
- (6) Is-sett ta' data tal-EMSWe jeħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jiġu aġġornati l-lista ta' ismijiet, formati u definizzjonijiet tal-elementi tad-data, l-immappjar tagħhom mal-obbligi ta' rapportar korrispondenti, il-listi ta' kodiċijiet li għandhom jiġu applikati fl-elementi tad-data, kif ukoll ir-regoli tan-negozju.
- (7) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2023/205 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2023/205 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell, 7.4.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁷ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/249 tat-30 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tar-rekwiżiti komuni tad-data għall-finijiet tal-iskambju u l-ħżin ta' ċerta informazzjoni skont il-leġiżlazzjoni doganali (ĠU L, 2024/249, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/249/oj).